# Fuq il-Lant

*Ħarġa Nru 2 — Diċembru 2021*

## Messaġġi ta' Awguri

### Il-Ministru Ian Borg

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex minn qalbi nirringrazzjakom għall-ħidma siewja tagħkom matul is-sena kollha. Li ma jkunx għalikom il-ħaddiema ta' dan il-Ministeru, żgur li l-proġetti li qed inwettqu ma kienx ikun possibbli li nagħmluhom. Is-sehem tagħkom fl-iżvilupp u fl-infrastruttura tal-pajjiż hija waħda indispensabbli.

Verament nieħu pjaċir meta jkolli l-opportunità li personalment niltaqa' magħkom waqt tnedijiet ta' proġetti jew meta nżur ix-xogħlijiet li jkunu qed isiru. Nassigurakom li verament napprezza l-ħidma ta' kull wieħed u waħda minnkom.

Għalhekk nieħu din l-opportunità sabiex filwaqt li nirringrazzjakom mill-qalb, nawgura lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għal dawn il-granet ta' festi.

### Id-Direttur Ġenerali, il-Perit Stephen Bonello

Nistqarr li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa dipartiment li huwa fortunat li għandu ħafna ħaddiema ddedikati. Il-ħidma tagħkom hija apprezzata mhux biss mill-amministrazzjoni tas-servizz pubbliku, iżda wkoll mill-poplu Malti kollu.

Dan huwa żmien fejn nagħtu ħarsa lejn is-suċċessi li kellna matul din is-sena filwaqt li nippreparaw għall-isfidi tas-sena li ġejja. Fl-isfond ta' dan, nixtieq nieħu l-opportunità biex permezz ta' dawn il-versi nirringrazzjakom tal-ħidma siewja tagħkom filwaqt li nawgura lilkom u lill-familji rispettivi tagħkom il-Milied it-tajjeb u sena ġdida mimlija hena u barka.

### Is-Segretarju Permanenti, is-Sur Joseph Caruana

Resqin lejn il-jiem tant sbieħ tal-Milied u lejn tmiem ta' sena oħra; jiem fejn ilkoll kemm aħna nagħtu l-awguri lil xulxin u jkollna ċans li ngħożżu aktar lill-għeżież tagħna kif ukoll inkunu aktar solidali ma' xulxin.

Tmiem is-sena wkoll huwa mument ta' riflessjoni fejn ilkoll għandna nirriflettu fuq dak li wettaqna matul is-sena u kif ilkoll kemm aħna, bħala ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, għandna naraw kif nistgħu nagħtu kontribut akbar fil-ħidma tagħna biex fir-rwoli differenti tagħna nkunu ta' servizz ta' eċċellenza fil-qadi ta' dmirijietna.

Permezz ta' din il-newsletter diġitali, qed isir kull sforz biex kulħadd ikun aġġornat dwar il-proġetti u l-attivitajiet li jkun qed iwettaq id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex b'hekk kulħadd iħossu li qed jagħmel parti minn dan id-Dipartiment tant importanti fil-funzjonijiet infrastrutturali fis-Servizz Pubbliku.

Din is-sena, li ser tiġi fi tmiemha fil-jiem li ġejjin rat lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, permezz tad-diversi sezzjonijiet li jaqgħu taħtu, iwettaq ħidma fl-irħula u fl-ibliet Maltin li ssarrfet fi proġetti kbar u żgħar li lkoll wasslu biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin. Ir-riżultati miksuba huma kollha frott tal-ħidma ta' kull ħaddiem li jagħmel parti mid-diversi sezzjonijiet tad-Dipartiment.

Għalhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha għall-ħidma u d-dedikazzjoni li wrew fil-qadi ta dmirijiethom u nħares 'il quddiem biex inkomplu naħdmu flimkien ħalli d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkompli jkun relevanti u ta' servizz għall-komunità kollha Maltija.

Barra minn hekk, inħeġġeġ lill-ħaddiema kollha biex jersqu 'l quddiem u jagħtu l-kontribut bl-ideat u l-ħidma tagħhom ħalli nkomplu nibdlu l-mod kif naħdmu, sabiex id-Dipartiment ikompli jtejjeb l-effiċjenza u r-relevanza tiegħu fl-isforz biex ikompli jersaq lejn Servizz Pubbliku ta' eċċellenza.

Nagħlaq billi minn qalbi nawgura lil kull ħaddiem u lill-għeżież tagħkom, Milied hieni mimli mħabba u paċi, u sena ġdida mimlija, saħħa u risq.


COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

2292 2292
info.pwd@gov.mt
publicworks.gov.mt
Public Works Department Malta


Public Works Department

# Dehra ġdida għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u tqassim ta' ċertifikati lill-ħaddiema

Fit-30 ta' Settembru ġie mniedi r-rebranding li qed nagħmlu għal dan id-dipartiment. B'hekk ser inkunu qed nikkonsolidaw il-preżenza tagħna b'mod frisk u attraenti waqt ix-xogħlijiet li nkunu qed inwettqu, kemm fuq dawk ta' skala nazzjonali kif ukoll waqt xogħlijiet importanti li nkunu qed nagħmlu fil-komunitajiet li ngħixu fihom.

Fl-istess okkażjoni, sar it-tqassim ta' ċertifikati għal taħriġ li wettqu b'suċċess numru sabiħ ta' ħaddiema ta' dan id-dipartiment. Fosthom sar taħriġ tal-kompetenza lil sewwieqa tal-vetturi kbar, fejn ġie preżentat ċertifikat lil sewwieqa tal-impjanti bħal gafef u excavators. Sar ukoll taħriġ fil-plastering u ġie preżentat iċ-ċertifikat Vocational Education & Training Award For Plasterers. F'konformità mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, saru wkoll żewġ korsijiet li jikkonsistu f'taħriġ għall-impjegati dwar l-użu taċ-cherry picker u dwar l-użu tal-irbit tas-sigurtà (harnesses).

B'hekk qed inkunu kommessi u impenjati li nkomplu ninvestu fil-ħaddiema tagħna.

Public Works
Department












## Inkomplu nimxu 'l quddiem b'mod sostenibbli

L-Iżvilupp Sostenibbli u l-Azzjoni favur il-Klima huma l-qofol tat-trasformazzjoni fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali. Din kienet it-tema waqt konferenza organizzata mid-Dipartiment tagħna l-Qawra fid-29 ta' Ottubru 2021. F'din il-konferenza kkontribwew żewġ Ministeri oħra permezz tad-Direttorat tal-Iżvilupp Sostenibbli fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, u d-Direttorat tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fil-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar.







## Il-fażi finali tax-xogħlijiet fil-Wesgħa ta' Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ

Ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' tisbiħ u riġenerazzjoni fi spazju miftuħ ġewwa Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ issa waslu fil-fażi finali tagħhom fejn ix-xogħol infrastrutturali għall-immanigjar tal-ilma tax-xita, tqegħid ta' ċangatura, pavimentar bil-porfido, u tħawwil ta' siġar u arbuxelli issa huwa lest. Tlestew ukoll xogħlijiet fiż-żona ta' parkeġġ li hemm ħdejn il-proġett sabiex jitjiebu l-livelli, inkluż xogħol ta' tarmac.

Ġiet installata sistema elettrika ġdida flimkien ma' sistema ta' dawl modern b'konsum baxx u cameras tas-sigurtà. Qed issegwi bħalissa l-installazzjoni ta' għamara ta' barra u tagħmir modern ieħor ta' rikreazzjoni u eżerċizzju kif ukoll parkeġġ sigur għar-roti. B'hekk, il-ħidma tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tkompli tkun ta' ġid għall-pubbliku u għall-komunità.

## Il-konservazzjoni ta' Wied il-Għasel fil-Mosta

Id-Dipartiment tagħna, flimkien ma' entitajiet oħra ilu għaddej b'ħidma fuq proġett biex l-ilmijiet tax-xita li jinġabru f'Wied il-Għasel ikunu kontrollati.

B'hekk, dan il-Wied jiġi riabilitat u kkonservat bl-aħjar mod. L-ilma tax-xita jinqabad f'ritenzjonijiet apposta mqassma tul il-wied, fejn dawn ifornu s-saff tal-ilma tal-pjan. Dan isir billi l-ilma tax-xita jibda joskula 'l isfel bil-mod u waqt li jagħmel ġid lill-ekosistema, ikun jista' jiġi użat ukoll skont il-bżonn.

B'hekk tkun qed titnaqqas b'mod konsiderevoli l-ħsara tal-ilma tax-xita. Dan l-ilma kieku jispiċċa jiġri bla kontroll u jikkawża diversi inkonvenjenzi u ħsarat, kemm fil-madwar kif ukoll lil hinn.

Ir-ritenzjonijiet tul il-wied qed jaqbdu fihom madwar 30 elf metru kubu ta' ilma, li issa flok jintilef jew jikkawża l-ħsarat, ser jibda jkun qiegħed jintuża għall-ġid.

Dan huwa xogħol li ftit jinnutawh, iżda huwa utli immens speċjalment f'dawn iż-żminijiet tas-sena.







# Ġie inawgurat il-Park tal-Avventura fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali

Fis-26 ta' Novembru ġie inawgurat il-Park tal-Avventura f'Ta' Qali. Dan jifforma parti mill-kumpless tal-Park Nazzjonali ta' Malta, li bla dubju, huwa l-akbar proġett li għaddej bħalissa mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Park tal-Avventura jinsab fuq runway li kienet tintuża mill-militar Ingliż u tkopri żona ta' madwar 14-il elf metru kwadru.

Dan il-park huwa maħsub għall-familja kollha, speċjalment it-tfal, anke dawk bi bżonnijiet speċjali. Il-park jipprovdi logħob u attivitajiet għal tfal minn sena 'l fuq, inkluż l-adolexxenti. Hemm ukoll tagħmir edukattiv li jispjega u jagħmilha faċli biex tifhem prinċipji matematiċi u xjentifiċi.

Iż-żoni kollha tal-logħob huma kkumplimentati b'postijiet fejn wieħed jista' jirrilassa u jpoġġi bilqiegħda, inkluż kafetterija. Il-park għandu landscaping sabiħ u huwa ambjent ekoloġiku sabiħ għal dawk li japprezzaw in-natura. Fil-fatt, sar trapjantar tal-pjanti u s-siġar, u anke tħawwil mill-ġdid ta' siġar u arbuxxelli. Ġie mqiegħed turf naturali u sistema ġdida ta' irrigazzjoni.

Il-Park tal-Avventura se jkun qed joħloq enerġija alternattiva, nadifa u rinnovabbli, kemm mix-xemx kif ukoll mir-riħ. Fil-fatt, l-enerġija kollha użata fil-park hija ġġenerata minn sistema ta' pannelli solari fuq il-kafetterija u tliet sistemi oħra ta' pannelli integrati (BIPVs) fil-binjiet tal-madwar. Ġiet installata wkoll wind tree li tiġġenera l-elettriku mir-riħ. Dawn kollha ser jipproduċu aktar minn biżżejjed enerġija biex ikopru s-sistemi kollha tal-Park tal-Avventura.

Tqiegħed pavimentar ġdid u nbidlu diversi passaġġi ta' aċċess madwar il-park. Il-funtani tal-ilma ġew modernizzati u l-għamara kollha ta' barra ġiet restawrata u ngħatat dehra aktar friska.

Ġiet installata sistema ġdida tas-CCTV li tkopri l-park kollu biex tiġi aċċertata sigurtà massima għal kulħadd, u anke biex jiġu evitati atti vandali. Saret ukoll sistema ta' WIFI għall-użu pubbliku fil-park kollu.









## Inawgurat proġett ieħor ta' Arti fi Spazji Pubbliċi

Fl-24 ta' Novembru inawgurajna proġett ieħor minn sensiela ta' sitt installazzjonijiet ta' Arti fi Spazji Pubbliċi bl-isem ta' DIVERSITÀ. Dan il-proġett, flimkien ma' ħamsa oħra, intgħażel minn fost 33 applikazzjoni.

Diversità hija xogħol l-artist Mario Sammut u tqiegħdet in-naħa magħrufa bħala Iż-Żonqor f'Wied il-Għajn. Din l-installazzjoni artistika tirrappreżenta l-popolazzjoni li kibret u ddiversifikat filwaqt li fl-istess ħin tgħix f'armonija flimkien. Filwaqt li turi sitt figuri magħqudin flimkien, tagħti lemħa ta' stil neolitiku biex tissimbolizza li sa mill-qedem, l-antenati tagħna, għalkemm diversi u minn kulturi differenti, dejjem għarfu kif jgħixu f'armonija flimkien għall-ġid ta' xulxin.

L-iskultura ġiet skolpita minn ġebla waħda magħrufa bħala "Pietra di Lecce".



## Qed jiġi finalizzat ix-xogħol ta' riabilitazzjoni u tisbiħ ta' Pjazza Annunzjata f'Tas-Sliema

Waslu fil-fażi finali d-diversi xogħlijet li saru tul dawn l-aħħar xhur fi Pjazza Annunzjata li tinsab fil-qalba ta' Tas-Sliema.

Ġew mgħoddija servizzi ġodda wara li nqala' t-tarmak li kien hemm u minfloku tqiegħed pavimentar ġdid tal-porfido u l-lava fuq disinn mill-aktar attraenti. Dan filwaqt li ġie riorganizzat il-parking u ġiet installata sistema ġdida u moderna tad-dwal b'konsum baxx.



# Il-Milied

u

# S-SENA T-TAJBA